MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 374/2006

Il-Pulizija
(Spt. L. Calleja)

Vs

James Grima

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
1. F'dawn il-Gzejjer, bejn Mejju 2004 u Gunju 2004, ittraffika persuni ta' l-eta' u cioe' lil Marina Morosova, u Victoria, kunjom mhux maghruf, li huma ta' nazzjonalita' Russa, bil-ghan li dawn il-persuni jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni billi ta u/jew ircieva hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontroll fuq persuni ohra;
2. fix-xahar ta' Gunju, 2004 u fix-xhur precedenti , b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet

differenti u li jiksru l-istes disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. Xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' l-imemmija Marina Morosova, u Victoria kunjom mhux maghruf, persuni ta' nazzjonalita' Russa;

b. Zamm jew ezercita' jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor, jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati u maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali

c. bhala s-sid jew li ghandu taht idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond bl-isem Louisa, Flat no 5, u no 1 sitwat fi Triq il-Hgejjeg, Bugibba, San Pawl il-Bahar, jew postijiet ohra, xjentement ta b'kiri, jew ippermetta l-uzu ta' dan il-post ghal skop ta' prostituzzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Novembru, 2006, li biha, wara li rat l-artikoli 248A(1)(2), 248E, 18, 17(h), 20, 30, 31, 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 7(1)(3), 8(1)(2)(3), 9, 10, u 12 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellat hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u ghaldaqstant illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-27 ta' Novembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-istess sentenza, w issib lill-appellat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu w tinfliggi fuqu l-piena jew pieni skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':- 1. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u irragjonevoli tal-provi estensivi li tressqu quddiemha. L-appellant umbaghad ghadda biex ghamel analisi mill-aktar dettaljata tal-provi li skondhu suppost wasslu ghal dikjarazzjoni ta' htija; 2. li s-

sentenza tal-Qorti tal-Magistrat (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura Kriminali, minkejja li kienet sentenza moghtija fuq akkuzi li l-piena komplessiva taghhom tizboq il-gurisdizzjoni originali ta' dik il-Qorti, kienet nieqsa minn ragunijiet u motivazzjonijiet. F' kaz bhal dan, fejn decizjoni ta' htija setghet timporta piena ta' bejn sitta w ghaxar snin prigunerija, w minkejja li kien hemm 450 pagna ta' atti processwali, dan kollu gie kulminat b' sentenza ta' zewg faccati w zewg linji - minghajr ragunijiet ghaliex l-akkuzat gie mehlus mill-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Rat il-fedina penali tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-25 ta' Jannar, 2007, fejn, b' riferenza ghal dak li kien qed jintqal fit-trattazzjoni w cioe' li l-interpretu Lyudmilla Plyushkina ma haditx il-gurament qabel bdiet taqdi l-inkariku taghha, d-difensur Dr. Edward Gatt, interpellat biex jikkonferma dan bil-gurament, informa lil din il-Qorti li dak il-hin hu ma kienx prezenti u, aktar tard fl-istess seduta, Dr. Anglu Farrugia ddikjara li hu mhux f' pozizzjoni li jikkonferma bil-gurament li l-interpretu ma kienetx hadet il-gurament qabel ma hadet l-inkarku taghha.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi din il-Qorti thoss li qabel xejn ghandha tittratta t-tieni aggravju (ossia aktar ilment milli aggravju) tal-appellant Avukat Generali.

Hu minnu li dan kien process voluminuz ta' aktar minn erba mija w hamsin (450) faccata w li kien jittratta akkuzi serjissimi. B' dana kollu, kull ma wiehed isib fis-sentenza appellata, wara faccata w tlitt kwarti fejn gew ripetuti verbatim l-akkuzi w xi preliminari ohra, huwa kwotazzjoni tal-artikoli li tahthom l-appellat kien akkuzat (li strettament - trattandosi ta' liberazzjoni - ma kienx hemm bzonn li ssir) u dan li gej:-

*"Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imsemmi imputat James Grima hati tal-akkuzi kif dedotti konrtieh, u ghaldaqstant tilliberah minnhom*." (Sic!)

Il-Qorti fittxet ghal *"dawn il-motivi"* u ma sabet xejn qieshom inkitbu bl-*"Indian ink"!*

Ikkonsidrat;

Illi din mhux l-ewwel darba li minn din l-awla partikolari tal-Qrati tal-Magistrati qed jigu quddiemha sentenzi fuq kawzi dwar reati serjissimi privi mill-icken ombra ta' motivazzjoni. Din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni tirrimikarka avversament fuq din il-prassi w b' rinkrexximent kbir ser ikollha terga tirrepeti dak li rriteniet fl-appell kriminali : **"Il-Pulizija vs. Joslann Brignone"** [8.2.2007] :-

"…..din il-Qorti thossha ……fid-dmir li taghmel l-osservazzjoni segwenti. Qed jigri ta' spiss fil-Qrati tal-Magistrati - w partikolarment fl-awla li minnha emanat is-sentenza appellata - li kawzi ta' certa portata w gravita' qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni kwalsiasi. Illi hu minnu li, kif inhi l-ligi - bl-emendi kollha bis-sulluzzu li saru fil-Kodici Kriminali f' dawn l-ahhar tlitt decenni w li mhux dejjem saru b' koerenza mall-hsieb inizjali tal-Kodici kif kien koncepit - in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jgibx *per se* in-nullita' *expressis verbis* ta' tali sentenzi ghax il-motivazzjoni mhix wahda mir-rekwiziti mehtiega *ad validitatem* fl-art. 382 tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex meta saru dawn l-emendi kollha, ma saret ebda emenda li tkopri l-kontenut *ad validitatem* ta' sentenzi f' kawzi fejn l-akkuzi jkunu johorgu mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif kontemplata fl-art. 370 tal-istess Kodici w partikolarment fejn jew l-Avukat Generali jkun ta l-kunsens tieghu biex jigu decizi bi proceduri sommarji jew fejn, wara li l-atti tal-kumpilazzjoni jigu rimessi lilu, jipprezenta n-nota bl-artikoli li tahthom jidhirlu li tista' tinstab htija biex il-kaz, fl-assenza ta' oggezzjoni tal-imputat, jigi gudikat minn dik il-Qorti. Jidher li hemm lok li ssir emenda li biha jkun rikjest li ssir xi forma ta' konsiderazzjoni, hsieb jew moitivazzjoni f'

dawn is-sentenzi. Pero' mhux l-ewwel darba li - kif gara f' dan il-kaz – f' din l-Awla partikolari, kawzi serjissimi qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni w cioe', wara li jigi rikapitulati l-akkuzi, il-Qorti tghid :-

"*Ikkonsidrat"*

*"Ghal dawn il-motivi"* (**bla ma tkun semmiet l-icken motiv wiehed**) issib jew ma ssibx htija skond l-akkuzi.

"Illi tali stezura, apparti li ma taghmilx sens mil-lat logiku, zgur li hija ghal kollox karenti minn dak li hu mistenni ordinarjament mill-gudikant meta jkun qed jiddeciedi kawzi bhal dawn u taghmilha difficli kemm ghall-parti vincitrici li ssostni w tiddefendi s-sentenza appellata kif ukoll ghall-parti sokkombenti li tintavola appell kontra motivazzjoni fantomatika, li forsi tkun tezisti biss f' mohh il-gudikant. Inoltre fejn il-Qorti tal-Appell thoss li jkun il-kaz li tikkonferma s-sejbien ta' htija w l-piena erogata, jkollha ta' spiss taghmel ix-xoghol tal-Qorti tal-Magistrati hi stess billi timmotiva ghall-ewwel darba tali sejbien ta' htija w piena. Din il-prattika ghalhekk hija wahda rregolari w trid tigi evitata ghax qed twassal ghal stultifikazzjoni tal-operat tal-Qorti involuta."

Ikkonsidrat;

Illi l-aggravji l-iehor jirrigwarda biss l-apprezzament tal-fatti li setghet ghamlet (mentalment – ghax fis-sentenza ma hemm xejn) l-Ewwel Qorti. Issa l-principju regolatur huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti

tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f' dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u tant sentenzi ohrajn .)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper"** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

F'dan il-kaz, fl-assenza assoluta ta' motivazzjoni, din il-Qorti ghamlet ezami approfondit mill-gdid tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' nuqqas ta' htija dwar l-erba imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat.

Illi pero', qabel ma tghaddi ghall-apprezament mill-gdid tal-fatti, din il-Qorti trid tiddisponi minn zewg konsiderazzjonijiet ta' natura legali li qajjmet id-difiza kemm fit-trattazzjoni orali taghha quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti.

L-ewwel konsiderazzjoni tirrigwarda l-allegazzjoni li l-interpretu Lyudmyla Plyushkina ma kienetx hadet il-gurament tal-hatra qabel ma bdiet taqdi l-inkariku taghha.

Issa ovvjament din l-allegazzjoni ma tirriferix ghall-atti tal-inkjesta magisterjali fejn kienet xehdet Marina Morozova bl-assistenza tal-interpretu Lyudmyla Plyushkina, ghaliex hemm (fol. 189 tal-process) kien gie verbalizzat hekk :-

“Dehret wkoll Ms. Plyushkina Lyudmyla (detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 0026270A) ta’ 75, St. Joseph Flat 2, Triq Ghajn Rasul, San Pawl il-Bahar <u>li hadet il-gurament</u> bhala interpretru sabiex tkun tista’ taghmilha ta’ interpretu mill-lingwa Ingliza ghall-Lingwa Russa u vice versa.” *(Sottolinear ta’ din il-Qorti)*

*L-istess kien gie verbalizzat mill-Magistrat Inkwirenti a fol. 205, 206, meta regghet inhatret l-istess interpretru biex tittraduci xiehda moghtija minn Morosova w Natalia Genrihovna.*

Jidher ghalhekk li l-lanjanza tal-appellat tirriferi ghal dak li gara fl-ewwel udjenza fl-istadju tal-kumpilazzjoni tat-22 ta’ Gunju, 2004, meta xehdet Marina Morosova bl-assistenza tal-interpretu Lyudmyla Plyushkina, w possibilment ghal dak li sar fl-udjenza tad-19 ta’ Jannar, 2006, meta xehdet Tatiana Elkina bl-assistenza tal-istess interpretu.

Fil-*prime note* tal-udjenza li nzammet fit-22 ta’ Gunju, 2004, (fol. 5), kien gie *“inter alia”* verbalizzat hekk:-

“L-akkuzat qed jezenta lill-Qorti minn-nomina ta’ interpretu tal-lingwa Ingliza, peress li l-akkuzat jiddikjara li jifhem b’ din il-lingwa, waqt li qed tigi nominata Lyudmyla Plyushkina sabiex tinterpreta mill-Lingwa Russa ghall-Lingwa Ingliza waqt is-smiegh tax-xhud.

*“Witnessed: Marina Morozova.”* (Sic.)

u f’ dawk tal-udjenza tad-19 ta’ Jannar, 2006 (Fol. 363) kien gie verbalizzat hekk:-

*“Il-Qorti tahtar lil Lyudmyla Plyushkina bhala interpretu mill-lingwa Russa ghal dik Ingliza.*

*L-imputat jiddikjara li jifhem bil-lingwa Ingliza .*
*Xehdet Tatiana Elkina;*
*Xehdet Lyudmyla Plyushkina.”*

Hu minnu li f’ dawn iz-zewg udjenzi rispettivi ma tnizzilx espressament li l-interpretu hadet il-gurament qabel ma bdiet taqdi l-inkariku taghha.

Illi pero’, interpellati biex isostnu din l-allegazzjoni li l-interpretu ma nghatatx il-gurament, bil-gurament taghhom, iz-zewg difensuri naqsu li jaghmlu dan ghax Dr.Gatt stqarr li ma kienx prezenti meta nhatret l-interpretu Plyushkina w Dr. A. Farrugia iddikjara li ma kienx f’ pozizzjoni li jsostni bil-gurament tieghu din l-allegazzjoni. Fl-ewwel udjenza Dr. Farrugia li kien prezenti skond il-verbal ukoll ma jirrizultax li rrileva xi nuqqas fil-hatra w l-operat tal-interpretu, anzi addirittura kkonduca kontro-ezami per mezz tal-istess interpretu, kif del resto ghamel Dr. Gat fit-tieni udjenza fuq imsemmija.

Hu minnu li Dr. Gatt ma kienx prezenti meta xehdet Marina Morosova fl-ewwel udjenza fuq imsemmija ghax dak in-nhar kien prezenti Dr. Farrugia skond l-istess verbal. Pero’ fit-tieni seduta hemm verbalizzat li Dr. Gatt kien prezenti w, ghalkemm issoleva oggezzjoni ghax xiehda ta’ Tatiana Elkina moghtija tramite l-interpretu imsemmija, ghax qal li dak li qalet Elkina kien *hearsay evidence*, ma qajjem ebda oggezzjoni ghal xi nuqqas iehor fl-operat tal-interpretu w ghadda biex ghamel uzu mis-servizzi taghha biex ikkontro-ezamina lix-xhud Elkina.

Ikkonsidrat;

Hu sintomatiku ferm li l-appellat ma ssoleva ebda oggezzjoni ghal dak li kien qed isir f’ dawn iz-zewg udjenzi w ressaq ilment dwaru biss snin wara fil-kors tat-trattazzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti. Ovvjament umbaghad ma appellax dwaru ghax gie liberat.

Illi huwa risaput li l-verbali tal-Qrati mhux dejjem ikunu jirriflettu kompletament u akkuratament ir-*“res gestae”* u dan jew minnhabba pressjoni fuq it-traskrittur taghhom li

tigi mis-sussegwenza rapida tal-fatti li jkunu qed jigru fl-awla jew xi kulltant minnhabba nuqqas ta' efficjenza jew preparazzjoni adegwata tad-deputat inkarigat miz-zamma ta' tali noti.

Illi pero' l-principju generali ta' dritt procedurali hu li fl-assenza ta' xi prova kuntrarja "*omnia praesumitur rite esse acta"* w ghalhekk wiehed ghandu jipprezumi li meta din l-interpretu giet mahtura – kif ma hemmx dubju li giet mahtura mill-istess verbali fiz-zewg udjenzi msemmija - kienet inghat il-gurament skond il-ligi. Ghalhekk, fl-assenza ta' xi prova kuntrarja, din il-Qorti ser twarrab din il-pregudizzjali tal-appellat bhala wahda infondata ghax bazata fuq asserzjoni gratuwita.

Ikkonsidrat;

Illi t-tieni konsiderazzjoni ta' natura legali sollevata mill-appellat tqum mill-fatt li l-Process Verbal tal-Inkjesta Magisterjali ma giex esebit quddiem il-Qorti Istruttorja mid-Deputat Registratur tal-Magistrat li kien irrediga l-istess Process Verbal imma minn Deputat Registratur addett f' awla ta' Magistrat iehor.

Illi kif jidher mill-verbal a fol. 76A tal-process, fl-udjenza quddiem l-Ewwel Qorti tat-28 t' April, 2005, kien deher id-Deputat Registratur tal-Magistrat Demicoli li halef u pprezenta kopja tal-Process Verbal redatt mill-Magistrat Cassar u pprezentat quddiem il-Magistrat Demicoli fil-proceduri kontra Sandro Psaila.

Illi din il-Qorti taghmilha cara mill-ewwel li ma tirravviza ebda irregolarita' fil-fatt li l-Process Verbal ma giex esebit mid-Deputat Registratur tal-Magistrat li kien irrediga l-istess Process Verbal. Apparti l-fatt li hemm spjegazzjoni mill-aktar ragjonevoli ghaliex sar hekk u dan ghax fil-mori tal-kompilazzjoni kontra l-appellat il-process verbal kien gja lahaq gie esebit quddiem Qorti ohra fil-kawza kontra x-xhud Sandro Psaila, u ghalhekk, ghall-fini tal-kontinwita', kien jaghmel hafna sens li dan id-dokument jigi esebit mid-Deputat tal-Awla fejn kien attwalment jinsab, kif issottometta l-Avukat Generali, d-Deputat Registratur

jirraprezenta l-ufficcju tar-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali. Il-funzjoni tieghu temana mill-ufficcju tal-istess Registratur skond l-Avvizi Legali numri 138 u 139/2004 u mill-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-atti ghandhom jigu prezentati minn ufficjal tal-Qorti f’ dik il-kariga ta’ Registratur jew Deputat Registratur – irrispettivament mill-persuna fizika li tkun tokkupa dik il-kariga jew ma liema magistrat tali deputat registratur ikun assenjat. Kieku ma kienx hekk, nigu fil-pozizzjoni assurda li Process Verbal redatt minn Magistrat li fil-frattemp ikun miet jew siefer ghal dejjem minn Malta id-Deputat Registratur tieghu, ma jkun jista’ jigi esebit qatt quddiem il-Qorti Istruttorja. Ghalhekk l-atti tal-inkjesta magisterjali kondotta mill-Magistrat Dr. Joseph Cassar gew legalment prezentati quddiem l-Ewwel Qorti u ma hemmx l-icken dubju li, bhala tali, ghandhom jitqiesu bhala evidenza valida f’ din il-kawza.

Ghalhekk din il-lanjanza tal-appellat qed tigi respinta.

Zgombrati dawn iz-zewg pregudizzjali ta’ natura legali, din il-Qorti ser tghaddi biex issa taghmel l-apprezzament taghha mill-gdid tal-fatti.

Il-provi kontra l-appellat jikkonsistu fi prova diretta gejja mid-depozizzjoni moghtija minn Marina Morosova fil-kors tal-istruttorja, kif ukoll minn serje formidabbli ta’ cirkostanzi indizjarji (*circumstantial evidence)* li jikkorroboraw bis-shih u jaghtu sahha probatorja lill-versjoni ta’ Morosova.

**Marina Morosova** kienet ghamlet stqarrija lill-Pulizija fit-18 ta’Gunju, 2004 (fols. 180 sa 183), xehdet darbtejn fl-inkjesta Magisterjali kondotta mill-Magistrat Dr.Joseph Cassar. (fols 197 sa 203 u 213 sa 215 tal-process) u sussegwentement xehdet quddiem l-Ewwel Qorti (Fols. 8 sa 10 tal-process). Naturalment, wiehed irid joqghod fuq dak li xehdet *viva voce* f’ dawn il-proceduri fil-prezenza tal-appellat u kull dikjarazzjoni precedenti taghha - anki bil-gurament fl-inkjesta magisterjali – setghet, al massimu, sservi biss biex tkun tista’ tigi kontrollata id-depozizzjoni taghha moghtija f’ din il-kawza, waqt xi kontroezami li sarilha; imma daqshekk.

In sintesi, mill-versjoni moghtija minn dix-xhud f'din il-kawza quddiem l-Ewwel Qorti, jirrizulta li hi kienet waslet f' Malta fis-6 ta' Mejju, 2004 flimkien ma tfajla ohra li kien jisimha Victoria w din kienet l-ewwel zjara taghha f' Malta. Kienet semghet dwar Malta minn mara jisimha Anastasia. L-arrangamenti biex hi tigi Malta saru minn agenzija f' Moscow. Hi ma hallsitx flus personalment biex giet Malta. Il-flus kien hallashom l-appellat. Anastasia kienet tat erbat mitt dollaru kull wahda lilha w lil Victoria w qaltilhom biex jirritornaw u jaghtu dawn il-flus lill-mara tal-appellat, Nadia. Di fatti huma kienu taw dawn il-flus lil Nadia meta waslu Malta.

Meta waslet Malta fl-ajruport giet milqugha minn tfajla Russa li hija r-rapprezentant tal-agenzija turistika f' Malta, li jidhrilha li kien jisimha Katia. Umbaghad telghu fuq Minu Bus li fiha kien hemm id-driver. Katia ma telghetx fuq il-mini bus u sa fejn taf hi baqghet l-Airport. Il-Mini bus nizzlithom fejn l-Ewropa Hotel, f' post fejn il-bahar, imma ma tafx x' jismu. Hi u Victoria ma dahlux fil-lukanda msemmija imma stennew barra ghal xi ghaxar minuti sakemm gie ghalihom bil-car tieghu James (l-appellat). Dil-car kienet jew blu jew sewda w kellha erba bibien. Din kienet l-ewwel darba li kienet iltaqghet ma' James (l-appellat). Dan hadhom fil-flat tieghu, Bugibba.

Meta waslu Bugibba, ltaqghu mall-mara tal-appellat Nadia dik il-lejla stess u ttiehdu mill-appellat go lukanda ohra ghax-xoghol. Hi kienet giet Malta biex tippresta servizzi sesswali. Ma tafx fejn kienet din il-lukanda. Kien hadhom hemm l-appellat bl-istess karozza li semmiet qabel. F' dil-lukanda haduha go kamra fejn kien hemm ragel u hi taghtu servizzi sesswali. Ma thallsitx hi personalment ta' dawn is-servizzi imma taf li dar-ragel kien hallas lill-appellat hmistax il-lira ghal nofs siegha. Dak in-nhar hi kienet ipprestat servizzi sesswali biss lil dak ir-ragel. Victoria kienet ukoll marret maghha f' dik il-lukanda pero' marret go kamra ohra fejn tahseb li ghamlet l-istess bhalha. Wara, l-appellat hadhom lura fl-istess flat Bugibba. Hi baghet fil-flat ma l-appellat ghal xi erba hamest ijiem u kienu jigu l-irgiel hemm ghall-istess skop.

Sa’ kemm damet ghand l-appellat, ma kienetx tithallas ghas-servizzi sesswali li kienet tippresta. Ma kienetx tithalla tohrog mill-flat jekk mhux akkompanjata mill-appellat u ma kellhiex cavetta tal-flat.

Wara xi erba jew hamest ijiem kien gie fil-flat certu Sandro. Saret taf li Sandro kien ser johodha fid-dar tieghu ghall-istess xoghol. Di fatti hadmet ghal Sandro fid-dar tieghu f’ Bahar ic-Caghaq. Kienet ittiehdet hemm minn Sandro u martu Sabrina. Victoria pero’ ma kienetx marret maghha imma baqghet fil-flat tal-appellat.

<u>In kontro-ezami Marina Morosova</u> xehdet li kienet giet mistiedna biex tigi Malta minn Anastasia li ghamlet l-arrangamenti kollha ghaliha u ghal Victoria biex jigu Malta. Anastasia kienet semmiet lil James (l-appellat) qabel ma huma kienu telqu mir-Russja. Di fatti Anastasia kienet qaltilhom li James (l-appellat) kien mizzewweg ma tfaljla Russa u li kien igib it-tfajliet Russi Malta ghal “*sexual services*”.

Hi ma kienetx rat flus jghaddu minn id dak ir-ragel li kellha relazzjoni sesswali mieghu fil-lukanda fl-ewwel lejl u l-appellat. Jidhrilha li kienet Nadia (mart l-appellat) li kienet qaltilha li kienu ser jithallsu hmistax il-lira. Hi ma tifhimx bil-Malti. Ma tafx l-isem tax-xufier tal-Mini bus li gabarahom mill-Airport. Hi ghandha tlieta w ghoxrin sena. Hi f’ Malta qatt ma giet imhallsa flus u qatt ma tat flus lil hadd. Sakemmm damet ghand l-appellat f’ dawk l-erba, hamest ijiem li semmiet, kienet tara xi zewg irgiel kulljum.

Qabel ma kienet marret mil-flat tal-appellat ma Sandro, Nadia, l-mara tal-appellat kienet qaltilha kif kienet tahdem (is-sistema). Qaltilha li jekk jigi xi hadd fil-flat biex jiehu xi tfajla, dan ikun irid ihallas id-dejn taghha. Hi kellha thallas disa mitt lira biex tigi Malta w Sandro hallas lill-imputat appellat meta marret mieghu, kemm ma tafx, pero’ Nadia spjegatilha dan. Ma ratx flus jghaddu bejn James u Sandro . Sandro ukoll qatt ma hallasha flus ghax riedet tiskonta d-dejn taghha ma Sandro.

Illi din ix-xiehda issib korroborazzjoni minn diversi xiehda u cirkostanzi ohra. Ibda biex huwa minnu li Marina Morosova u Victoria ma kienux qatt qaghdu fl-Ewropa Hotel, fejn kienet nizzlithom il-Mini Bus. (ara id-depozizzjoni tax-xhud Paul Cassar, Manager tal-istess hotel. fols. 281 sa 284 u 352 sa 357). Huwa minnu ukoll li Morosova telqet minn Bugibba biex tmur ma Sandro Psaila u li dan gabarha minn hdejn ic-cimema li jigi vicin hafna tal-flat tal-appellat. Mhux biss, imma dan Sandro Psaila spicca tela’ fil-flat biex inizzlilha xi effetti personali taghha li kien ghadhom fuq. Ghalkemm dan Sando Psaila – li spicca ammetta quddiem Qorti ohra li kien jipprostitwixxi lill-istess Morosova - pprova jaghmel minn kollox fix-xhieda tieghu biex kemm jista’ jkun izomm lill-appellat barra mill-istorja, xorta wahda harbitlu li xi erbat ijiem wara li kien ha lil Marina Morosova mieghu kien barra l-post tieghu Bahar ic-Caghaq u ra lil-appellat li staqsieh jekk hux kollox sew. Hawn ix-xhud kien pront izid pero’, bla ma staqsieh hadd, *“Imma n-negozju jiena igifieri maghha ghamiltu..”* U meta gie mistoqsi mill-Qorti : “*Kollox sew x’hiex imma ezatti?”* dan Psaila wiegeb : *“Ix-xoghol hux.”* U l-Qorti staqsietu : *“Fuq din ir-Russa igifieri staqsiek?”* u x-xhud wiegeb: “*Fuq ir-Russa ehe.”* Stqarr ukoll li Morosova kienet qaltlu li l-boss taghha kien James, u li kemm damet Bugibba kienet taghmel xoghol ta’ prostituzzjoni. Dan Sandro Psaila xehed li kien ilu jaf lill-appellat xi tlitt snin minn bar f’ Bugibba, haga lil-appellat kien cahad fl-istqarrija tieghu, kif cahad kollox li ghandu x’ jaqsam mal-prostituzzjoni ta’ Marina Morosova u Victoria del resto. X’ raguni kellu l-appellat li jistaqsi lil persuna li jghid li ma kienx jafha jekk ir-Russa kienetx kollox sew?

Hemm cirkostanza sinifikanti hafna li titfa’ ombra qawwija fuq l-appellat. Irrizulta li meta l-appellat gie arrestat u kien fl-ghassa tal-Pulizija tal-Qawra, f’ hin minnhom talab permess lill-Pulizija biex jmur fit-toilet. Waqt li kien hemm gew irrizulta li ghamel diversi messaggi lil martu Nadia minn cellulari mohbi li ma kienx ikkonsenja lil Pulizija. L-ewwel messagg kien jaqra : *“Girs* (Sic) *out big problem”* u ftit tal-minuti wara baghat iehor “*Go ut.”* Wiehed bir-ragun jistaqsi x’ kienet dil-“*big problem*” ghax il-“*girs”* [recte *: girls*] kienu *“out*” jew ghaliex ried li l-girls jinhargu ‘l barra u

minn fejn? u ghaliex rega tenna *"Go ut"* [recte "*out"*], jekk hu ma kellu x' jaqsam xejn mac-cirku ta' prostituzzjoni li l-prosekuzzjoni qed takkuzah bih. X' ried jahbi u jostor l-appellat b' dawn il-messaggi urgenti mill-lavatory qabel ma l-Pulizija jmorru ifittxulu?

Illi Inoltre baghat messagg iehor mit-toilet lil certu Gino li rrizulta li kien ukoll involut f' dan ic-cirku ta' prostituzzjoni fejn qallu :- *"Jien qwed arrestat id-depow."* U ftit tal-hin wara baghat messagg iehor : "*Jien James qed arrestat id depow minn luwis* [recte: Louise (l-Ispettur Calleja) ] *jekk ti……"* (fol.136)

*Wara li baghat dawn il-mesaggi, l-Pulizija regghu ghamlu tfittxija fuq l-appellat u sabulu telefon cellulari u kif ukoll* "sim card" *ohra fl-indumenti tieghu kif xehdu Il-Pulizija Joseph Filletti w Pierre Vassallo. Dawn wara gew analizzati mil-espert Bajada li rrelata dwarhom.*

*Imma l-korroborazzjoni mill-mezzi elettronici tal-*modus operandi *tal-appellat, kif deskritt minn Morosova, ma tieqafx hawn. Di fatti fost il-messaggi SMS li nstabu fuq it-telephones cellulari tieghu kien hemm wiehed li jghid :* "Hem xi wahda ghal-lejla sean jien." *mibghut fis-7 ta' Gunju, 2004 fil-23:00 u messagg iehor li jghjid "*Hi James am noel I work with Paul as securite do you have some one for tonight pls ahd how much it cost me*" mibghut lill-appellat fis-17 ta' Gunju, 2004 fis-18:50 (fol. 152). Messagg iehor tas-16 ta' Gunju, 2004 mibghut fis-saghtejn u seba' minuti ta' filghodu jghid :* "kif sibta*"! (fol. 137). Hemm ukoll messaggi ohra li kjarament jirriferu ghal nisa u l-imgieba sesswali taghhom, ghalkemm kriptici, eg. "*Hi Owen This is her name, Nataliya Solobuto.Passport No. AX954819.Grazzji Mario." *(fol. 169 u 170);* "Oksana Krasnyanchyna. Arrived on. 16 April. Depart on 25 June." *(fol. 172) .* "Verchenko E. KM566 on 18.06" *(fol. 172). Wiehed jistaqsi x'inhuma dawn il-movimenti u data ta' wasliet u tluq ta' nisa b' isem tal-Lvant tal-Ewropa u kif kienu jikkoncernaw lill-appellat jekk mhux ghax hu kien direttament involut fil-wasliet ta' dawn il-persuni minn barra. Hemm umbaghad serje ta' MMS li juru nisa imnezzghin f'pozi mill-aktar oxxeni.(Fols. 177 u 178).*

*Illi kontra din il-prova diretta gejja mix-xiehda ta' Marina Morosova, l-Ewwel Qorti kellha biss ic-cahda tal-appellat fl-istqarrija tieghu. L-appellat ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti. Lanqas ressaq xi xiehda biex jikkontradici lil Morosova.*

Di fatti fl-istqarrija tieghu (fols. 24 sa 27) l-appellat jichad li hu kien u ghadu jzomm nisa Russi ghall-prostituzzjoni. Mistoqsi ghala il-jum ta' qabel kellu cavetta u meta l-Pulizija staqsietu ta' fejn kienet qalilhom li kienet tal-kamra tal-bejt, mentri fil-fatt ma kienetx tal-kamra tal-bejt imma ta' flat iehor numru wiehed, Louisa Flats, fl-istess blokk, qal li dan il-flat kien krieh ghal kugina tal-mara Russa li kienet giet Malta sabiex tara il-baby xi xahar, xahar u nofs qabel. F' dan pero' hu kontradett minn sid il-post Francis Scicluna (fols. 265 sa 273) li jghid li fil-waqt li l-appellat veru kien talbu ic-cavetta tal-flat 1, biex jurih lil xi hadd li kien interessat , spicca qatt ma krieh u qatt ma kien tah flus ghalih. Ghaliex, wiehed jistaqsi, jekk kien minnu li l-flat kien krieh ghall-kugina tal-mara, l-appellat kellu jipprova jizvija lil Pulizija u jghidilhom li c-cavetta tieghu kienet tal-kamra tal-bejt? Forsi ma riedx jurihom li kellu flat iehor fl-istess blokk fejn kien qed jakkomoda lin-nisa li skond Morosova kien jipprostitwixxi?

Anki fl-isem tas-sid tal-post kien evaziv ghax fil-waqt li jghid li dan kien jismu Joseph u ma jafx x' kunjomu, dan irrizulta li kien jismu Francis Scicluna.

Mistoqsi : "*Nhar 06 ta' Mejju, 2004 gew Malta zewg nisa Russi li huma Marina u Victoria li inti intqajt maghhom l-Lukanda Europa f' Tas-Sliema u li inti stess hadthom l-appartament tieghek gewwa Bugibba. X' ghandek xi tghid dwar dan?* ",

wiegeb : **"Xejn."**

Mistoqsi: "*Igiefieri inti lil Marina u Victoria ma tafhomx?",* wiegeb b' mod evaziv *"Il-mara ghandha hafna hbieb. Gieli jigu l-hbieb taghha"* Mistoqsi: *"Igifieri l-mara tafhom?*",

rega wiegeb evazivament: *“Jiena qatt ma staqsejt il mara minn huma l-hbieb taghha.”*

Issa wiehed legittimament jistaqsi min hu dak ir-ragel li xahar u nofs qabel ma jkun qed jigi interrogat ikun mar tas-Sliema apposta biex igib id-dar tieghu zewg nisa Russi u ma jiftakarx dan u ma jkunx jaf x’ jisimhom u li qaghdu ghandu. Dan m’ ghandux mis-sewwa u ma jistax jitwemmen. La hu probabbli u lanqas possibbli.

*Meta umbaghad gie mistoqsi : “Iggifieri inti m’intix teskludi l-fatt li kemm Marina kif ukoll Victoria kont int li gbarthom mill-lukanda Europa u li zammejthom ghandek fl-appartament? “* l-appellat finalment wiegeb : *“Le.”*

Pero’ wara ftit, meta beda jigi mistoqsi jekk dawn iz-zewg nisa kienx gabhom biex jipprostitwihom u li kienu tawh 400 USD kull wiehed li kienu inghatawlhom minn Anastasia sabiex ikollhom prova li ghandhom flus bizzejjed sabiex joqghodu hawn Malta u li dawn il-flus la ma hadhomx hu setghetx hadithom il-mara tieghu, wiegeb : *“Ghidtlek jien. Lanqas biss nafhom”* F’ nifs ma jeskludix li qaghdu ghandu sitt gimghat qabel u f’ nifs iehor jghid li ma jafhomx.

Mistoqsi jafx lil certu Sandro li ghandu tfajla Sabrina, wiegeb li le. Imma f’ dan hu kontradett minn Sandro Psaila stess li xehed li kien ilu jaf lill-appellat tlitt snin kif fuq intqal u li erbat ijiem wara li Marina Morosova marret mieghu, kien mar l-appellat hdejh Bahar ic-Caghaq biex jistaqsieh hux kllox sew u b’ dan kien qed jirriferi ghar-Russa.

Cahad ukoll li jaf lil Noel li huwa Pulizija u ghandu l-mara Russa Nathasia, li jaf lil Gino li ghandu r-Ramla Lodge Guesthouse, Marsaskala, li jaf lil certu Chris li ghandu l-gharusa tieghu Russa, Janna, u li hu jwassal lir-Russi minn appartament ghall-iehor ghal skop ta’ prostituzzjoni u li jinnegozja lir-Russi u li kien izomm lil Marina u Victoria w nisa Russi ohra fir-residenza tieghu ghal skop ta’prostituzzjoni.

Pero' din ic-cahda u r-risposti kollha evazivi w kontradittorji f' certi aspetti li ta l-appellat ma jispirawx f' mohh il-Qorti dik l-attendibilita' - lanqas sal-grad tal-probabbli - li tista' twassal biex tannjenta il-prova skjaccanti diretta li gejja mix-xiehda ta' Marina Morosova kif korroborata minn cirkostanzi indizjarji ohra kif fuq intqal.

Terga w tghid ma jirrizulta bl-ebda mod li Marina Morosova kellha xi motiv ulterjuri biex izzeffen lill-appellat fin-nofs fost is-sensiela ta' rgiel Maltin li ghaddiet minn idejhom fil-ftit gimghat li kienet ghamlet Malta. Hi giet Malta biex tipprostitwixxi ruha bid-dikjarar u ma jirrizultax li James – kif dejjem tirriferi ghalih fix-xiehda taghha – kien haqarha jew ittrattha hazin. Invece l-appellat ghandu kull interess u motivazzjoni biex jichad kull kuntatt possibbli ma Marina Morosova kif ghamel fl-istqarrija tieghu ghal ragunijiet ovvji.

Illi huwa minnu li Morosova ssemmi ripetutament li d-data tal-wasla taghha f' Malta kienet is-6 ta' Mejju, 2004, meta d-dokumenti esebiti jindikaw id-data tas-7 ta' Mejju, 2004, cioe' l-ghada. Pero' fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-izball ma jbiddel xejn. Di fatti jirrizulta b' mod inkonfutabbli li hi fil-fatt waslet Malta u li kienet Malta "*bejn Mejju w Gunju, 2004"*, kif indikat fl-akkuza fl-ewwel imputazzjoni u f' "*Gunju 2004 u fix-xhur precedenti"*, kif indikat fit-tlitt imputazzjonijiet l-ohra. Ghalhekk din l-imprecizazzjoni ta' jum fid-data tal-wasla taghha f' Malta ma tbiddel xejn u l-agir tal-appellat xorta wahda jaqa' fil-parametri ta' zmien indikati fl-akkuza. Hu ovvju li dan kien zball genwin tax-xhud u li ghadda inosservat minn kullhadd. Kien biss meta wara gew esebiti d-dokumenti li deher car li d-data kienet zbaljata b'jum. Fir-realta' ftit hawn nies li jekk wara sitt gimghat tistaqsihom id-dati precizi ta' vjagg li jkun ghadhom kif ghamlu, jiftakru d-dati bi precizjoni.

Ikkonsidrat;

Li fuq il-provi traskritti l-Ewwel Qorti altru milli kellha provi biex legalment u ragjonevolment tikkonkludi li l-appellat kien involut f' cirku ta' prostituzzjoni ta' nisa Russi w

senjatament ta' Marina Morosova. Kien involut fil-wasla ta' din il-persuna li, biex tizvija lill-awtoritajiet, kienet suppost ipprenotata attaparsi f' lukanda pero' lanqas biss rifest l-ghatba taghha ghalkemm twasslet hemm bil-mini bus tal-agenzija. Minn hemm giet ippikkjatha, flimkien ma tfajla ohra Russa certa Victoria, minn fuq il-bankina mill-appellat li hadhom fir-residenza tieghu f' Bugibba fejn kien jghix ma martu Russa Nadia u fejn din Nadia irceviet lura l-400 US Dollars li kienet tathom Anastasia biex juru lill-Immigration Officers li kellhom flus bizzejjed biex joqghodu f' Malta tul il-periodu tas-suppost vaganza taghhom. Lanqas lahqet waslet Malta li Morosova (ma Victoria) ma ttiehditx mill-appellat biex tibda' tahdem ta' prostituta f' lukanda dak il-lejl stess. U wara, ghal xi erba hamest ijiem, bdiet tipprostitwixxi ruha gol-flat ta' Bugibba li kien taht il-kontroll effettiv tal-appellat, sakemm umbaghad l-appellat ghaddiha f' idejn Sandro Psaila u minn hemm baqghet ghaddejja f' idejn rgiel ohra.

Kif l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni kuntrarja ser jibqa' mhux maghruf ghax fis-sentenza appellata ma hemmx briccjolo ta'motivazzjoni.

Illi skond l-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali, f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk ghalkemm Marina Morosova kienet l-unika xhud li ressqet il-prosekuzzjoni li tat xiehda diretta kontra l-appellat, l-Ewwel Qorti ma tatx l-icken raguni jew motivazzjoni ghala ma emmnithiex. Din il-Qorti invece tara li ma hemm ebda raguni ghaliex, meta hija korroborata kif fuq intqal minn *circumstantial evidence* ohra, ma kellhiex titwemmen, fl-assenza ta' kull prova kuntrarja hlief l-istqarrija manifestament evaziva w kontradittorja f' certi aspetti tal-appellat li tirrendiha mhux kredibbli, lanqas sal-grad tal-probabbli.

Ikkonsidrat;

Illi fin-Nota tieghu tal-1 ta’ Dicembru, 2004 (fol. 55) l-Avukat Generali  kien deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dawk li hemm mahsub :-

a) fl-artikoli 248A(1)(2) 248E, 18, 17(h) 20,23,30,31 u 533 tal-Kodici Kriminali. u
b) fl-artikoli 7 (1)(3), 8 (1) (2) (3), 9, 10 u 12 tal-Kapitolu 63.

Illi r-reat taht l-intestaura (a) huwa dak ta’ traffikar ta’ persuna tal-eta’ b’mezzi li jkunu jikkonsistu fi vjolenza jew theddid, inkluz is-serq ta’ persuna, qerq jew ingann, uzu hazin tal-awtorita’, influwenza jew pressjoni bil-ghan li dik il-persuna tigi sfuttata fl-ghoti ta’ servizzi jew li wiehed jaghti jew jircevi hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li jkollha l-kontroll fuq persuna ohra. Sfruttament gie defenit mill-ligi fis-subartikolu (1) tal-Art. 248A bhala li jinkludi li persuna tigi mehtiega tipprovdi servizzi taht kondizzjonijiet u f’ cirkostanzi li jmorru kontra *standards* fil-kamp tax-xoghol li jirregolaw il-kondizzjonijiet tax-xoghol,  pagi w sahha w sigurta’.

Illi pero’,  inspjegabbilment, ghalkemm fl-akkuza originali (fol.1) il-Prosekuzzjoni xliet lill-appellat bi traffikar ta’ persuni tal-eta’ bil-ghan li dawn il-persuni jigu sfruttatri ghall-prostituzzjoni, akkuza koperta specifikatament bl-artikolu **248B** tal-Kodici Kriminali,  l-Avukat Generali, fin-nota tieghu, ma ghamilx riferenza ghal dan l-artikolu li hu proprju dak li jittratta l-kaz ta’ min jittraffika persuna ta’ l-eta’ bil-ghan li dik il-persuna tigi sfruttata ghall-prostituzzjoni jew f’ attivitajiet pornografici jew fil-produzzjoni ta’ materjal pornografiku, imma llimita ruhu ghall-artikolu 248A u 248E. Dan tal-ahhar hu artikolu li jikkontjeni dispozizzjonijiet generali li jghoddu ghal dak is-subtitolu.

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti il-kaz ta’ Marina Morosova ma jaqax taht l-artikolu 248A imma se mai jista’ jaqa’ taht l-artikolu 248B. Dan ghaliex, trattandosi ta’ traffikar ghal skop ta’ prostituzzjoni mhux il-kaz li Morosova giet mehtiega li tipprovdi xi servizz taht kondizzjonijiet u f’ cirkostanzi li jmorru kontra “*standards* fil-kamp tax-xoghol

li jirregolaw il-kondizzjonijiet tax-xoghol, pagi u sahha w sigurta' ". Sa fejn taf din il-Qorti, ma hemm ebda Wage Regulation Order jew Wages Council Order ghall-prostituti jew xi *standards* ta' xoghol ghal din it-tip ta' attivita'. Apparti dan hawn kellna l-kaz ta' persuna li giet Malta konsapevolment u bl-intenzjoni u skop dikjarat ta' prostituzzjoni jew, kif tpoggiha ewfemistikament, biex tipprovdi "*sexual services*".

Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk jonqos zgur l-element ta' sfuttament kif defenit fl-artikolu 248A u li hu element kostituttiv tar-reat kontemplat fl-artikolu citat mill-Avukat Generali.

Ladarba l-Avukat Generali, x' aktarx bi zball, ma akkuzax lill-appellat bir-reat kontemplat fl-art.248B li jittratta specifikatament traffikar u sfruttament ghall-prostituzzjoni w ladarba dan hu reat differenti w indipendenti minn dak kontemplat mill-art. 248A minnu citat fin-Nota w ghalhekk ma jistax jitqies bhala reat kompriz u involut fl-art.248A, din il-Qorti tara li ma tistax hlief tikkonkludi li l-appellat mhux hati tar-reat kontemplat fl-art. 248A bil-kwalifiki u aggravanti imsemmija fl-art.248E li ukoll gie indikat fin-nota.

Ikkonsidrat;

Mhux l-istess pero' ghall-imputazzjonijiet l-ohra li jaqghu taht il-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta (Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni).

Irrizulta li l-appellat, ghall-inqas fl-erba jew hames granet mis-7 ta' Mejju, 2004 il quddiem, li fihom Marina Morosova ghexet fil-flat tieghu, jew ahjar, li hu kellu l-kontroll fuqu, organizza l-prostituzzjoni taghha, u ressqilha rgiel ghal skop ta' prostituzzjoni w li allura jigi li ghix ghal kollox jew in parti fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni taghha. Jirrizulta li hu kellu l-kontroll jew il-hakma fuq Marina Morosova f' dak il-periodu ta' ftit granet li damet mieghu f' Bugibba, b' mod li juri li kien qed jghin, ihajjar jew igieghel il-prostituzzjoni taghha, fit-termini tal-artikolu 7 (1) u (3). Tirrizulta ukoll l-imputazzjoni li huwa zamm jew ezercita jew kellu sehem

ma ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew dar jew local iehor jew ta' xi parti minnhom li kien iffrekwentat jew maghduda bhala li hu ffrekwentat ghal skop ta' prostituzzjoni jew skop iehor immorali u dan ai termini tal-artikolu 8 (1) u (2) kif ukoll li ppermetta li appartament jigi uzat bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali w bhala persuna li kellu taht idejh il-fond appartamenti numru 5 u 1, Louise Flats, Triq il-Hgejjeg, Bugibba, xjentement ippermetta l-uzu taghhom ghall-istess skop u dan bi ksur tal-artikoli 9 u 10 tal-Kap.63.

Kwantu ghall-piena, dawn ir-reati igibu piena massima ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn ghar-rigward tar-reati taht l-art.7 (1), piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn u multa ta' mhux izjed minn mitejn lira ghar-reat kontemplat fl-art.8 (1) u piena ta' prigunerija minn xahar sa sitt xhur ghar-reati kontemplati fl-artikoli 9 u 10 tal-Kap.63. Biz-zieda ta' zewg gradi bl-applikazzjoini tal-art.18 tal-Kap.9, stante li r-reati huma reati kontinwati, l-massimu jista' jitla' rispettivament ghal erba snin prigunerija fil-kazijiet kontemplati taht l-art.7(1) u (3) u l-art. 8 (1) u ghall-massimu ta' sena prigunerija fir-rigward tar-reati kontemplati fl-art. 9 u 10 tal-Kap.63.

Illi pero', kif del resto indika l-istess Avukat Generali fin-Nota tieghu fuq referita, huwa applikabbli l-art. 17(h) tal-Kodici Kriminali u fejn zewg reati jew izjed, li flimkien ma jaghmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi. Fil-fehma ta' din il-Qorti ir-reati kontemplati fl-art. 8 (1) 9 u 10 tal-Kap.63 servew bhala mezz biex seta' jigi kommess ir-reat kontemplat fl-art. 7 (1) u (3) u cioe' dak li ghix ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' Marina Morosova liema reat gie maghmul minnu fi zminijiet differenti pero' jikser l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gie maghmul b' rizoluzzjoni wahda.

Illi mbaghad, kif jirrizulta mill-fedina penali aggornata tal-appellat, huwa diga' kien instab hati tar-reat kontinwat talli fit-13 t' Awwissu, 2003, u fil-jiem ta' qabel, f'Bugibba, xjentement ghix ghal kollox jew in parti minn fuq il-qliegh

tal-prostituzzjoni ta’ persuni ohra , u li zamm jew ezercita u jew kellu sehem fl-ezercizzju ta’ burdell u jew ta’ dar , hanut u/jew local iehor u jew ta’ xi parti minnhom li huma ffrekwentati u jew maghduda bhala  u li huma ffrekwentati ghal skop ta’ prostituzzjoni u jew ghal skopijiet immorali u fit-23 ta’ Gunju, 2004, kien gie kundannat ghal sentejn prigunerija sospizi ghall-erba snin. Ghalhekk skond l-artikolu 11 tal-kap.63 l-appellat jista’ jigi sahansitra kundannat ghall-piena mizjuda b’ zewg gradi ohra ladarba din hija t-tieni kundanna tieghu ghall-wiehed mid-delitti kontemplati fil-kap.63. Dan iwassal ghall-piena massima potenzjali ta’ sitt snin prigunerija.

Illi ghalkemm din il-kundanna li nghatat proprju l-ghada li hu gie imressaq quddiem il-Qorti taht arrest f’ din il-kawza ma tistax titqies ghall-fini tar-recidiva  w lanqas ghall-fini ta’ ksur tal-kondizzjoni tas-sentenza sospiza, zgur li ghandha jkollha rifless fuq il-piena li ser tinghata f’ dan il-kaz.

Illi r-reati konnessi mall-prostituzzjoni ta’ nisa barranin provenjenti mill-lvant tal-Ewropa qeghdin kull ma jmur isiru aktar komuni w prevalenti w dan qed johloq turbament fl-ordni w l-istil ta’ hajja fil-pajjiz u l-Qrati necessarjament iridu japplikaw il-ligi minghajr indulgenza zejda w b’mod li jkunu ta’ tarka kemm ghas-socjeta’ kif ukoll ghan-nisa w tfajliet li, *nolens volens*, jinqabdu f’ din ix-xibka ta’ prostituzzjoni. F’ dan il-kaz l-appellat mhux xi *first time offender* u ma ghandux jippretendi li jibbenefika minn xi dispozizzjoni tal-art. 28A jew tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-fehma ta’ din il-Qorti. Hu ghalhekk il-kaz li tinghata piena karcerarja effettiva .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi fl-ewwel lok tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellat hati tal-ewwel imputazzjoni w lliberatu minnha u minn kull piena relattiva w fit-tieni lok tirrevokaha in kwantu ma sabitx lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontra tieghu w illiberatu minn kull imputazzjoni w piena relattiva, u minnflok tiddikjara lill-appellat hati talli f’ dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta’ Gunju, 2004, u fix-xhur

precedenti , b' diversi atti maghmulin minnu, fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:- a) xjentement ghix ghal kollox jew in parte mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' Marina Morosova ta'nazzjonalita' Russa ; b) zamm jew ezercita jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom, li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u c) talli bhala sid jew li ghandu taht idejh l-aministrazzjoni ta' dar jew fond bl-isem "Louisa" Flats No. 5 u 1 sitwat fi Triq il-Hgejjeg , Bugibba, San Pawl il-Bahar, jew postijiet ohra, xjentement ta b' kiri jew ippermetta l-uzu ta' dan il-post ghal skop ta' prostituzzjoni, u , wara li rat l-artikoli 7 (1) (3) ,8 (1) (3) , 9 , 10, u 11 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 17(h) 18, u 533 tal-Kodici Kriminali, bl-assorbiment tal-imputazzjonijiet b) u c) fl-imputazzjoni a) skond l-art. 17(h) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-appellat ghall-periodu ta' tlitt (3) snin prigunerija,li minnhom irid jitnaqqas kull periodu li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li taghhom qed jinstab hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------